# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Citazzjoni Nru.: 1287/91 MH**

**Illum, 6 ta' Lulju, 2018.**

**Anthony sive Tony Jones**

**vs**

**It-Tabib Francis Pullicino u Alex Gingell f'isimhom proprju u fl-interess ta' Clinipath Services; u it-Tabib Joe Louis Grech għal kull interess li jista' jkollu; u b'dikriet tal-31 ta' Jannar 2000 l-atti ġew trasfużi f'isem Licia Grech armla tat-Tabib Joseph Louis Grech li miet waqt li kienet miexja l-kawża; u b'digriet tat-28 ta' Jannar 2010, l-atti gew trasfuzi f'isem Mario, Karl, it-Tabib Henri, Mariella Abela, Jan u Nadia ilkoll ahwa Grech**

**Il-Qorti:**

Rat **ic-citazzjoni tal-attur tal-5 ta' Dicembru 1991** permezz ta' liema gie premess:

*"Peress illi fl-1989 il-konvenut, jew min minnhom ikkoncudew testijiet fuq tessuti tat-tirojide ta' l-attur;*

*Peress illi dawn it-testijiet, skond rapport rilaxxjati, indikaw illi kienu jezistu sinjali u evidenza ta' "follicular carcinoma" li b' rizultat l-attur kellu jigi operat;*

*Peress illi analizi u testijiet istologici ezegwiti barra minn Malta stabbilew illi in effetti ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' "carcinoma";*

*Peress illi b' konsegwenza tal-operat zbaljat inkompetenti u negligent tal-konvenuti l-attur sofra danni kemm fizici u psikologici, tant li sahansitra kien kostrett anke jitlaq mill-impjieg;*

*Peress illi ghal dawn id-danni ghandhom jirrispondu l-konvenut, solidalment jew independentement;*

*Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti l-ghaliex m' ghandhiex din il-Qorti:-*

1) *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut flimkien jew separatament kienu negligent fit-testijiet u r-rizultanti klinici minnhom kondotti fuq tessuti tat-tirojide tal-attur u konsegwentement responsabbli ghad-danni versu l-attur;*

2) *Tillikwida d-danni kollha hekk sofferti mill-attur okkorendo bl-operat ta' periti nominandi;*

*3) Tikkundanna lill-istess konvenut ihallsu lill-attur dik is-somma hekk likwidata in inea ta' danni;*

*Bl-interessi u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali tas-6 ta' Mejju 1991 u tat-23 ta' Ottubru 1991, u tal-ittri legal ital-4 ta' Gunju 1990, 27 ta' Lulju 1990, 24 ta' Settembru 1990, 4 ta' Frar 1991, 8 ta' April 1991, u 6 ta' Settembru 1991, kontra l-konvenuti ingunti minn issa ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa maċ-Ċitazzjoni.

Rat in-**Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenut Tabib Louis Grech tal-24 ta' Jannar 1992**[1] permezz ta' liema ressaq dawn l-eccezzjonijiet –

*"1. Preliminarjament, illi m' hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-attur u l-eccipjent, ghaliex l-attur ma marx isib lill-ecipjenti u nkarigah personalment, izda nkariga lil "Clinipath Services" biex taghmel l-analisi rikjesta, kif iddikjara l-attur stess.*

*2. Minghajr ebda pregudizzju, fil-meritu, l-eccipjent, fil-kors normali tax-xoghol tieghu in virtu' tal-ftehim ta' impjieg bejnu u Clinipath Services, analizza istologikament tessuti tat-tirojde ta' l-attur, liema analisi saret minnu bir-reqqa kollha minhabba li l-interpretazzjoni f' dina l-materja hija haga ferm difficli. Il-fatt li l-interpretazzjoni taht mikroskopju maghmula mill-eccipjent irrizulta, wara ispezzjoni minn professjonisti barranin, illi kienet mhux preciza ma jfisser bl-ebda mod li kien hemm xi traskuragni da part ital-eccipjent fl-analisi li huwa ghamel.*

[1] Fol 9 et seq

*3. Bla ebda pregudizzju, l-eccipjent la wera inkompetenza u lanqas negligenza, izda se mai kien hemm biss 'culpa levissima', li certament mhix sufficjenti, skond il-gurisprudenza ta' pajjizna, biex tirrendi professjonista responsabbli civilment ghad-danni.*

*4. M' hemmx l-element mehtieg skond il-ligi (art. 1049 Kap. 16) biex ikun hemm kundanna tal-konvenuti 'in solidum' bejniethom."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa man-Nota tal-Eccezzjonijiet.

Rat in-**Nota tal-Eċċezzjonijiet tat-Tabib Francis Pullicino tat-30 ta' Jannar 1992**[2] permezz ta' liema ressaq dawn l-eccezzjonijiet –

*"1. Il-konvenut 'Clinipath Services' m'hijiex persuna guridika, imma isem kummercjali li tahtu jinghataw certi servizzi professjonali li ghalihom huma responsabbli l-professjonisti li effettivament ikunu taw is-servizz taghhom. Ghaldaqstant, il-konvenut kif imsejjah fil-kawza m' ghandux locus standi fi proceduri gudizzjarji u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

*2. Illi l-gudizzju mhux integru ghaliex it-Tabib Francis Pullicino mhux l-unika proprjetarju tan-negozju citat taht l-isem "Clinipath Services".*

*3. Illi l-eccipjent m' ghandu u qatt ma kellu ebda relazzjoni guridika ma' l-attur (la diretta u lanqas indiretta) u lanqas kellu x' jaqsam mal-konvenut l-iehor t-Tabib Joseph L. Grech fl-ezami tal-kaz ta' l-attur. Ghaldaqstant wkoll, l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju minhabba li m' ghandu ebda relazzjoni guridika la ma l-attur u lanqas mal-konvenut l-iehor.*

[2] Fol 12 et seq

*Din il-posizzjoni guridika ta' l-eccipjent gia giet notifikata lill-attur permezz ta' l-ittra ufficjali datata 31 ta' Ottubru, 1991.*

*4. L-azzjoni ta' danni kontra l-eccipjenti hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.*

*5. Illi l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju anke ghaliex fic-citazzjoni – kemm fil-premessi kif ukoll fid-dikjarazzjoni – ma hemm ebda referenza ta' xejn dwar ir-raguni ghaliex l-eccipjenti gie imharrek fic-citazzjoni, dank if rikjest skond l-artikolu 156 (1) tal-Kodici tal-Procedura Civili. Fil-mertu u minghajr pregudizzju tal-premess, it-talbiet in kwantu jirreferu lill-eccipjent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante:*

*6. Illi "ex admissis"ma kienx l-eccipjenti li "effettivament ezegwixxa t-testijiet" li kienu allegatament difettuzi. Fil-fatt, imkien fic-citazzjoni ma hemm referenza ghar-raguni li ghaliha l-eccipjenti gie imdahhal fil-kawza.*

*7. Jrid jigi ppruvat illi fil-fatt it-testijiet li saru Malta kienu fil-fatt difettuzi.*

*8. Illi fi kwalunkwe kaz it-testijiet saru kollha b' akbar responsabbilita' u serjeta' skond il-professjoni u ezigenzi tal-kaz u l-agir u l-kondotta tal-professjonalita' involuta b' ebda mod ma' jista' jigi kwalifikat bhala negligent.*

*Salvi eccezjzonijiet ohra."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa man-Nota tal-Eccezzjonijiet.

Rat id-**digriet taghha tat-13 t'Ottubru 2010**[3] permezz ta' liema nnominat lil Dr Degaetano bħala espert patologu fil-kaz.

[3] Fol 78

Rat is-**sentenza in parte ta' din il-Qorti tas-27 ta' Gunju 2008**[4] fejn ikkonkludiet li minħabba n-nuqqasijiet tagħhom il-konvenuti ghandhom jitqiesu responsabbli għall-ħsara li ġarrab l-attur, madankollu minħabba fatturi mitiganti hemm elenkati, huma kellhom iwieġbu biss għal nofs id-danni li soffra l-attur. Għalhekk fl-istess sentenza ġiet ordnata l-kontinwazzjoni tas-smiegħ tal-kawza **<u>għal finijiet unikament tal-likwidazzjoni tad-danni.</u>**

Rat il-provi kollha tal-partijiet imressqa fir-rigward.

Rat id-**digriet tagħha tat-28 ta' Mejju 2013**[5] permezz ta' liema nnominat lill-psikjatra Dr Joseph Cassar sabiex *"...wara li jara l-atti u* ***jekk iħoss il-ħtiega jisma' wkoll bil-gurament lill-attur***[6]*, jirrelata dwar jekk fil-fehma tieghu –*

*i. b'rizultat tad-dijanjozi ħazina li saret inkluz l-interventi mediċi li saru fuqu (skont ma gie ddikjarat fis-sentenza tas-27 ta' Gunju 2008) huwhiex probabbli li l-attur beda jsofri minn depressjoni li waslet biex eventwalment jigi boarded out minn mas-servizz pubbliku;*

*ii. Jekk hu tal-fehma li fiż-żmien rilevanti (1989 'il quddiem) l-attur beda jsofri minn depressjoni, igħid jekk kienx hemm ragunijiet oħra li fil-fehma tiegħu probabilment wasslu għal din il-kundizzjoni."*

Rat id-**digriet tagħha tat-28 t'Ottubru 2014**[7] permezz ta' liema ordnat li l-ezami tal-attur m'għandux isir fil-prezenza tal-attur u jew id-difensuri tieghu. Pero' awtorizzat lil kull parti sabiex tinnomina psikjatra tal-fiduċja tagħha li jkun prezenti għall-ezami tal-attur b'dana li waqt l-ezami li kien se ssir minn Dr Joseph Cassar l-istess ma setgħux jgħaddu kummenti u lanqas jesprimu xi

[4] Fol 295 et seq
[5] Fol 505 et seq
[6] Enfasi ta' din il-Qorti.
[7] Fol 517A

opinjoni. Setgħu pero jagħmlu domandi dan biss bl-awtorizzazzjoni tal-perit mediku tal-Qorti u biss jekk fil-fehma tiegħu dawn ikunu meħtiega.

Rat illi l-konvenuti għazlu li ma jinnominaw ebda psikjatra għal dan il-għan[8].

Rat ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju mediku mqabbad minnha l-psikjatra Dr Joseph Cassar[9].

Rat illi l-kaz huwa differit għall-lum ghas-sentenza dwar il-likwidazzjoni tad-danni.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

L-attur intavola dawn il-proċeduri sabiex jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jagħmlu tajjeb ghad-danni subiti minnu minħabba li fil-fehma tiegħu huma għamlu dijanjosi medika ħazina wara li kkonducew testijiet fuq tessuti tat-tirojide tiegħu.

**Minkejja li l-konvenuti nnegaw din l-allegazzjoni din il-Qorti kkonkludiet mod iehor fis-sentenza taghha tas-27 ta' Gunju 2008**.

F'dan l-istadju fadal biss għalhekk li tingħata sentenza dwar id-danni allegatament subiti mill-attur.

**PROVI**

[8] Nota a fol 521

[9] Fol 531 et seq

Mill-atti jirrizultaw is-segwenti provi principali -

1. Fi prospett tad-danni prezentat mill-attur fit-30 t'Ottubru 2009[10] l-attur elenka diversi spejjez u cioe'

- Spejjez attwali inkluz spejjez ta' medikazzjoni, tal-kirurgu u tal-klinika fl-ammont ta' €2926.37;
- Pilloli li jammontaw għal madwar €100 fis-sena;
- Telf ta' paga, *allowances* u xogħol addizjonali li kien jagħmel fil-Qorti li kellu jieqaf minnhom għax gie *boarded out* kawza tad-dipressjoni li waqa' fiha u anke għax waqagħlu xagħru b'rizultat tal-akkadut. Hu waqaf mix-xogħol fis-27 ta' Jannar 1991 ta' 52 sena. Huwa ddikjara li wara li ħareg *boarded out* kien jieħu €333 pensjoni tal-*boarded out* u pensjoni tas-sigurta' soċjali u €402 mensili oltre bonuses statutorji. Qal ukoll illi li kieku baqa' deputat registratur kien ikollu salarju mensili ta' 'l fuq minn €1000 u €110 *allowance*. Dan eskluz l-*extra* li kien jitħallas bħala sahra (siegħa b'siegħa) għal traskrizzjonijiet u għassa tal-Magistrat li bejniethom kienu jlaħħqu madwar €120 fix-xahar.
- Huwa kkalkula li sal-lum tilef telf attwali iehor oltre dak imsemmi ta' 'l fuq minn €89,280. Dan ma jinkludix telf ta' qliegħ futur.

2. **F'affidavit prezentat mill-attur stess**[11] huwa qal li għandu 72 sena. Waqaf mix-xogħol fis-27 ta' Jannar 1991 meta kellu 52 sena. Dakinhar kien jaħdem il-Qorti minn meta daħal mal-Gvern fl-1957. Huwa kkalkula illi li kieku baqa' l-Qorti sal-eta' tal-irtirar kien ikollu opportunitajiet, ċans ta' promozzjonijiet, possibilment anke f'karigi ta' tmexxija u pensjoni ħafna ahjar. Dan apparti opportunitajiet għas-sahra. Żid li tilef ukoll dħul minn *stand-by duty* mal-Magistrat tal-Ghassa li kien ikollu erba' darbiet fix-xahar kif ukoll hlasijiet

[10] Fol 309 et seq
[11] Fol 333 et seq

ghat-traskrizzjoni li kien jagħmel. Dan it-telf kollu b'rizultat u kagun tal-kaz li kellu.

Qal ukoll li minħabba l-kundizzjoni li spiċċa fiha wara d-dijanjosi żbaljata tal-*cancer* huwa kellu jittermina l-impjieg u tilef il-paga u l-benefiċċji kollha li semma. Fi Frar tal-1991 huwa kellu paga ta' €8208.71 (Lm3524) u f'Jannar tal-2000 li kieku kien jispiċċa b'salarju ta' €11,632.89 (Lm4,994) – skala 10. Huwa jgħid li b'kollox tilef għalhekk paga ta' €89,287 (Lm38,331) li flokhom ħa €36,939 (Lm15,858) bħala pensjoni u hekk ġie li tilef €52,348 (Lm22,473).

Fis-sena 2000 il-pensjoni tiegħu kienet tkun €5816.44 (Lm2497) annwali u oltre kien ikun intitolat ukoll għal *gratuity* ta' €17,053 (Lm7321). Effettivament spiċċa biex fuq perjodu mis-sena 2000 sas-sena 2016 (li huwa l-*life expectancy* fil-kaz ta' ragel tal-eta' tieghu) ser ikun tilef bħala pensjoni u *gratuity* mhux inqas minn €34,528 (Lm14,823). B'hekk bejn salarju, pensjoni u *gratuity* ikkalkula li kien diga' tilef jew ser ikun tilef sas-sena 2016 is-somma ta' €86,876 (Lm37,296).

Żid oltre li bejn sahra, *standby watch duty* u ħlas ta' traskrizzjonijiet ikkalkula t-telf għas-somma ta' €7689.

Qal li dawn il-kalkoli saru fuq pagi attwali tiegħu u ta' sħabu skont id-dokumenti relattivi esibiti mal-affidavit.

Qal li l-operazzjoni u l-kura għamilhom privat u ħallas is-somma ta' €116.50 lill-kirurgu Mr Joseph Attard, €65.24 lill-anestetista Dr Joseph Psaila u €74.56 għall-uzu tal-*operating theatre*. Ħallas ukoll €467.58 lil Dr Angele Farrugia, €97.07 lil Dr Albert Soler u €46.60 lil Dr Joseph Pace. Dawn l-ispejjez jinkludu l-kura għall-konsegwenzi li ġarrab minħabba li waqagħlu xaghru u l-effetti psikofizjoloġiċi li sofra. Ħallas ukoll €11.65 lill-psikjatra Dr Anton Mangion.

Barra minn Malta huwa nefaq €233 ħlas lil Dr John Lynn u Dr Lewis li ezaminaw is-*slides* u l-blokki, kampjuni, li kienu ttieħdu ma' l-operazzjoni

tiegħu. Kellu wkoll ħlasijiet ta' €1,599 mediċini *Thyroxine Tablets*. Xehed li din il-mediċina kien kostrett jibqa' jeħodha sa mewtu b'konsegwenza diretta ta' l-operazzjoni bla bzonn li saritlu.

B'kollox dawn l-ispejjez jammontaw għal €97,252. Dawn kienu l-ispejjez li huwa seta' jidentifika għax kif ikompli jghid, il-konsegwenzi li bata bħala rizultat tal-kundizzjoni li daħal fiha, mhux biss it-tnehhija tat-*thyroid* imma wkoll l-effett psikologiku li ġarrab b'rizultat tad-dijanjosi żbaljata li kellu, sofra ħafna aktar u kien u baqa ssofri l-konsegwenzi sal-lum. Jgħid li ġiet effetwata mhux biss il-ħajja lavorattiva tiegħu izda anke l-ħajja normali ta' kuljum inkluza l-ħajja soċjali tiegħu, il-ħajja mal-familja u partikolarment dik mal-mara, li lkoll qatt ma reġgħu ġew kif kienu qabel l-inċident.

Mal-affidavit l-attur esebixxa elenku tal-ispejjez minnu pretizi għas-somma totali ta' €97,252[12]; lista tal-ammonti li jkopru sahra, *daily watch* u traskrizzjonijiet għall-perjodu bejn l-1991 u sena 2000[13]; spejjez għax-xiri tal-mediċina *Thyroxine* għal tlett darbiet kuljum mis-7 t'Ottubru 1989 sas-27 t'April 2016 bir-rata ta' €0.055c kull pillola għat-total ta' €1,599; *breakdown* tas-somma ta' €86,876 li tkopri t-telf ta' salarju ecc[14].

In **kontro-ezami**[15] huwa qal li waqaf mix-xogħol għax qabditu dipressjoni qawwija wara li Peppinu Attard tah ir-rizultati tal-operazzjoni li kien għamel. Dawn kienu qalulu li kellu *cance*r imma mbagħad qalulu li ma kien *cance*r xejn. Beda anke jaqagħlu xagħru u kien sar nervuz ħafna. Għalih kienet trawma li għadda minnha u li kien għadu għaddej minnha sal-lum. Ma setax joħrog mit-trawma li għandu *cancer* u mit-trawma ta' meta neħħewlu t-*thyroid* kollha kagun ta' djanjosi żbaljata.

[12] Fol 335 et seq
[13] Fol 365
[14] Fol 370
[15] Fol 380 et seq, fol 407 et seq, fol 459 et seq, fol 476 et seq

Jgħid li pero' ma ftakarx jekk kienx iddiskuta mat-tobba l-fatt li effettivament instab li kellu l-kundizzjoni ta' *Hashimoto.*

Qal ukoll li peress li issa neħħewlu t-*thyroid* kollha kien kostrett jieħu *thyroid replacement pills* kuljum.

L-attur insista li avolja wara kienu qalulu li ma kellux *cancer* huwa xorta baqa' nkwetat u xorta baqa' jaqagħlu xaghru u taħt *depression*. Skontu għax beda jhewden li forsi kienu ħadu żball meta qalulu li m'ghandu xejn, cioe' ma kienx fil-fatt marid bil-kanċer. Għalkemm huwa kellu ċertifikat saħansitra mill-esteru li jgħid li ma kellux *cancer* u ma ħax opinjoni medika ohra, żid huwa baqa' jinkwieta u jissuspetta li huwa marid. Eventwalment għalkemm imbagħad bdew jgħaddu s-snin u ma nqala xejn aktar dwar is-suspett tiegħu tal-*cancer* id-depression xorta baqgħet fuqu u huwa baqa' dejjem jhewden dwar dak li ġralu u kif spicca bla *thyroi*d, għalfejn kellu jagħmel għomru jieħu l-pilloli u ukoll li jibqa ġej u sejjer l-isptar biex jagħmel testijiet sabiex jikkalkulawlu d-doza neċessarja u ġusta tal-pilloli, *(thyroid replacement therapy).*

Qal ukoll li wara li waqaf mix-xogħol fl-1991 huwa ma għamel ebda xogħol ieħor għax bid-*depression* kbira li kellu kien joħrog barra l'hawn u l'hinn u ma kienx joqgħod id-dar. Għad-*depression* huwa kien jieħu xi pilloli, probabbli kalmanti, li tah it-tabib.

Huwa kompla jispjega li rrikorra għand it-tabib originarjament gax kellu *lump* f'ghonqu u beda jitlef ħafna piz u kellu *loose bowels.* Minn hemm qalulu li probabilment kellu t-*thyroid* qed taħdem hazin.

Mistoqsi jelabora dwar il-prospett tad-danni esibit minnu huwa kkonferma li ma kienx ħalfu bil-ġurament. Huwa kompla jelabora hekk dwar il-prospett –

- Dwar kif wasal ghaċ-ċifra ta' €100 fir-rigward tal-pilloli tat-*thyroxine* huwa spjega li mar ġewwa spizerija u staqsa kemm jiguh 150 pillola u tawh dak il-prezz. L-ammont ta' pilloli kkalkulahom fuq tlett pilloli

kuljum tad-doza 50mcg minn dik il-gurnata li qallu t-tabib Joe Louis Grech sal-eta ta' 77 sena;

- Dwar il-fatt li gie *boarded out* huwa qal li meta nforma lill-Bord dwar id-*depression* li qabditu, li ma jistax jorqod, ma jistax jikkonċentra, iqum għajjien filghodu eċċ huma qalulu li għandu bzonn joħrog barra, jimxi fil-kampanja, ma joqgħodx ġewwa u li ma jistax ikompli jaħdem għax mhux prezentabbli quddiem in-nies specjalment fl-awla;

- Mistoqsi jekk dawn is-sintomi ta' *depression* eċċ kinux jezistu qabel ħa l-aħbar dwar il-*cancer*, huwa wieġeb fin-negattiv.

- Huwa qal li ngħata pilloli wkoll għal ugiegħ f'dahru, lit-tabib qallu li probabilment dak huwa sintomu tal-pilloli tat-*thyroxin* għax meta titieħed din taffetwa l-għadam u wieħed jista' jesperjenza debbolezza fl-għadam. Huwa nsista li l-ugiegħ f'dahru beda meta Peppinu Attard mar bit-tieni rizultat tat-tabib Joe Louis Grech u qallu li kellu kanċer u jrid jiehu t-*thyroxine*. Wara gimgħa jew hmistax ta' dan li beda dawn il-pilloli beda l-ugiegħ.

- Dwar l-*overtime*, l-*istand-by duty*, traskrizzjonijiet u l-għassa darba fix-xahar huwa saħaq li huwa qed jippretendi ta' dak li tilef minħabba li kellu joħrog *boarded out*. Qal li sakemm kien għadu jaħdem fl-awla huwa kien dejjem jagħmel dan ix-xogħol imsemmi.

Mitlub jispjega għalfejn fil-prospett tad-danni tiegħu l-attur kien indika l-pretensjoni tiegħu ghaċ-ċifra ta' €89,280 mentri fl-affidavit huwa ndika ċ-ċifra ogħla ta' €97,252, spjega li l-prospett kien għamlu bil-għaġġla mentri mbagħad

wara li qabbad ħabib tiegħu li jaħdem it-Tezor[16] u għamillu kollox kif suppost huwa kkonfermah l-istess bil-ġurament. Għalhekk il-pretensjoni tiegħu koretta hija fuq is-somma kif indikata fl-affidavit.

3. Xehed **Alex Gingell**[17], direttur manigerjali ta' klinika li tagħmel testijiet laboratorji li jinkludu dawk hematoloġiċi, mikrobioloġiċi eċċ. Huwa qal li wara li ezamina r-rapport li kien għamel l-espert tal-Qorti dwar saħħet l-attur ikkonkluda li fil-kaz ta' kundizzjoni medika ta' *hashimoto thyroiditis* kif kellu l-attur, ir-*replacement therapy* li kien kostrett jieħu, kienet dejjem meħtiega u xorta kien se jkollu jieħu l-pilloli *thyroxin* għal għomru anke li kieku ma tneħħietlux it-*thyroid*. Barra minn hekk qal li hemm kazi fejn meta l-istruttura ċellulari tat-terojde tinqered kwazi jew għal kollox jkun meħtieg intervent kirurgiku. Semma wkoll li fost is-sintomi ta' din il-marda, speċjalment meta l-istruttura ċellulari tat-terojde tkun distrutta u b'konsegwenza ta' hekk tizvillupa *hypothyroidism*, il-pazjent ikun ibati b'dipressjoni, tonqoslu l-memorja jew isir żmemorat, juri nuqqas fil-fakolta' li jħaddem moħħu sewwa (*intellectual impairment*) kif ukoll jista' jkun hemm nuqqas ta' nteress fis-sess (*libido*). Sintomu ieħor li semma x-xhud u li għandu konnessjoni ma' din il-marda huwa li wieħed jibda jiħfiflu x-xaghar (*hairloss*) u twaqqiegħ ta' trofof tax-xaghar (*alopecia aerata*). Il-konkluzjoni tiegħu għalhekk kienet li la l-attur kien qed isofri minn *"severe and extensive Hashimoto's thyroiditis"* kif konfermat minn Dr Paul Lewis, l-attur xorta kellu, indipendentement mid-dijanjosi ta' Dr Grech (1) jieħu għal għomru *r-replacement therapy* bl-ormoni *Thyroxine*; (2) li t-tirojde xorta kien ikollha bzonn titneħħa kollha (*total thyroidectomy b'intervent kirurgiku*; (3) faċilment jaqa' f'dipressjoni; (4) ukoll jibda jinsa u jbagħti biex iħaddem moħħu; (5) li jsofri wkoll minn nuqqas ta' *libido*, u (6) li jbati b'*alopecia aerate*. Huwa sostna li l-ispejjez li qed jippretendi l-attur huma

[16] Mario Brincat a fol 377.
[17] Viva voce a fol 392 et seq u affidavit a fol 419 et seq

spejjez prattikament identiċi għall-kura tal-kundizzjoni *"severe and extensive Hashimoto's thyroiditis."*

4. Wara li kien hejja r-rapport tiegħu, l-espert patologiku nominat mill-Qorti **Dr James Degaetano** xehed in eskussjoni u bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti ndika li huwa jagħti sa massimu ta' **5%** dizabilita' permanenti lill-attur minħabba dak li għadda minnu[18]

Fir-**relazzjoni tiegħu maħlufa fl-20 t'April 2015 il-psikjatra nominat mill-Qorti Dr Joseph Cassar**[19] ikkonstata li mill-ezami tal-istat tas-saħħa mentali irrizulta li l-proċess tal-ħsieb tal-attur kien dirett għal għan tiegħu. Il-kontenut tal-ħsieb kien jinvolvi sintomi ta' *avoidance* (iħossu skomdu ħafna jitkellem fuq l-episodju), kellu wkoll ħsibijiet ta' dwejjaq kbar u nkwiet, telf ta' nteress fl-affarijiet li normalment kien jieħu ġost bihom fil-ħajja u li jħossu *emotionally numb*; *re-experiencing* (*flashbacks* u ħsibijiet koroh) u *hyperarousal* (problemi biex jorqod (*middle type insomnia*), jieħu qtajja mix-xejn u l-ħin kollu jħossu *tense*). Spjega li l-attur gieli kien ikollu sintomi ta' dwejjaq għall-mewt. Ikkonkluda li ma kienx jidher li kien afflitt minn alluċinazzjonijiet, ukoll li kien konjittivament stabbli.

Il-konkluzjoni peritali kienet li għal fini ta' l-ezami psikjatriku, wara li ġie ezaminat l-attur, wara li ġie ezaminat il-proċess tal-Qorti fid-dettall u wara li ġew konsultati l-emendi fil-ligi dwar id-danni ċivili tal-2010, qal li kienet il-konsiderazzjoni tiegħu bħala psikjatra li l-attur qed kien qed ibati minn **Post Traumatic Stress Disorder** u **Chronic Anxiety Disorder** bi problemi passati ta' *alopecia areata* minħabba dak li għadda minnu b'*misdiagnosis* ta' marda terminali li ma kinitx fil-fatt tezisti. Ikkonkluda li dawn huma konsegwenzi diretti ta' dan l-incident u jikkawzaw **dizabilita' permanenti ta' 12%** (ansjeta'

[18] Fol 291
[19] Fol 531 et seq

mill-fobija b'attakki ta' paniku, imġieba li tevita n-nies minħabba l-*image* tiegħu u disturb ossessiv-koattiv).

5. Ghalkemm il-konvenuti ressqu talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali[20] huma sussegwentement talbu lill-Qorti sabiex qabel tipprovdi dwar it-talba jkollhom l-opportunita' li jeskutu l-perit mediku. Għal dan l-iskop ġew prezentati bil-miktub id-domandi in eskussjoni[21].

**In eskussjoni**[22] l-perit mediku fost ohrajn qal li l-ispeċjalizzażjoni tiegħu hija fil-psikjatrija u allura għalkemm huwa tabib mhix il-linja tiegħu li jikkummenta dwar il-marda *Hashimoto* għax la hu espert kirurgu u lanqas patologiku. Mistoqsi dwar il-fatt li d-depressjoni li qal li kellu l-attur setgħetx tkun ġejja mill-marda msemmija u mhux b'rizultat tad-dijanjosi żbaljata tat-tobba konvenuti, l-psikjatra Dr Cassar qal li huwa mkien fir-rapport tiegħu ma kiteb li l-attur qieghed ibati minn dipressjoni. Qal li filwaqt li l-marda tal-*Hashimoto* u *hypothyroidism* huma marbuta ma' *major depressive disorder*, dawn b'ebda mod m'huma relatati ma' *post-traumatic stress disorder* u *chronic anxiety disorder*. Spjega li l-*post-traumatic stress disorder* hija relatata ma' sitwazzjoni fejn persuna tgħaddi minn trawma u ma' dik it-trawma jiġu sintomi qawwija ta' ansjeta'. Huwa qal ukoll li meta ra ċ-ċertifikat tal-Bord mediku li a bazi tiegħu l-attur kien ġie *boarded out* mix-xogħol kien hemm miktub li dan seħħ fuq ragunijiet ta' sahha mentali. Mistoqsi jekk l-attur kellux *chronic depression* u *chronic anxiety* l-espert qal li f'xi zmien kellu izda fil-mument li ezaminah ma kellux dawn is-sintomi. Inoltre, għalkemm l-attur kellu l-kundizzjoni tal-*Hashimoto*, la t-*thyroid* kienet imbagħad tneħħietlu kollha, l-espert saħaq li

[20] Fol 535 u 536
[21] Fol 539 et seq
[22] Fol 547 u fol 565

meta sena u nofs wara gie ezaminat mill-Bord mediku ma jistax ikun illi f'dak l-istadju l-*Hashimoto* kkontribwiet għad-dipressjoni u l-ansjeta' tal-attur. Mistoqsi jekk jimmeritax ħlas ta' danni fid-dawl tal-fatt li l-attur kien mar għand psikjatra darba biss minhabba l-Bord mediku u anke għax ma kienx ħa l-mediċina li ġiet preskritta lilu mingħand il-psikjatra, l-espert saħaq li ħafna pazjenti jsibuha diffiċli ħafna biex jieħdu l-mediċini. Dan għaliex iħossu li hemm stigma lejn is-sitwazzjoni psikjatrika, ma jemmnux fil-mediċini u allura ma jiħdux l-istess. Qal ukoll li jemmen illi jekk wieħed jieħu l-mediċini jkun hemm progress izda ma setax jispekula x'kien jiġri kieku l-attur ħa l-pilloli ndikati lilu. Dwar l-*alopecia* qal li kull forma ta' stress tista' tikkawzaha.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Kif ingħad, il-punt tat-tluq tas-sentenza tal-lum huwa proprju mill-konkluzjonijiet raggunti fis-sentenza *in parte* tas-27 ta' Gunju 2008 fejn il-Qorti attribwiet responsabilta' lill-konvenuti minħabba dijanjosi żbaljata tal-kundizzjoni tal-konvenut b'rizultat ta' liema huwa sofra diversi riperkussjonijiet mentali, emozzjonali u psikoloġiċi.

Huwa opportun li a skans ta' kull ekwiviku tigi riprodotta l-parti konkluziva saljenti ta' dik is-sentenza:

*"Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-konvenuti, minħabba nuqqas tagħhom, jaħtu għall-ħsara li ġarrab l-attur.*

*L-espert mediku kompla fisser illi xi konsegwenzi dannużi għall-attur seħħew għax fl-intervent tneħħew ukoll il-parathyroid glands. Din kienet konsegwenza*

*tal-mod kif tmexxa l-intervent u mhux tad-djanjosi tal-konvenuti. Qal ukoll illi, bil-kondizzjoni li tassew kellu l-attur, it-tirojde xorta ma kinitx taħdem sew u x'aktarx illi xi wħud mill-konsegwenzi tat-tneħħija tagħha, jekk mhux kollha, xorta kien ibatihom bil-kondizzjoni li kellu u xorta kien ikun jeħtieġ il-hormone replacement therapy li qiegħed jieħu issa minħabba t-tneħħija tal-glandola. Huwa fatt ukoll illi parti mill-glandola kienet ġà tneħħiet qabel ma sar l-eżami mill-konvenuti – fil-fatt dak l-eżami sar fuq tessuti meħuda mill-parti li tneħħiet – u għalhekk l-ewwel intervent ma kienx konsegwenza tad-djanjosi magħmula mill-konvenuti. Dawn huma kollha fatturi li jnaqqsu r-responsabbiltà tal-konvenuti.*

*Wara li qieset dan kollu, il-qorti hija tal-fehma li l-konvenuti flimkien għandhom iwieġbu għal nofs id-danni li ġarrab l-attur, u li din ir-responsabbiltà bejniethom għandha tinqasam hekk: il-konvenut Tabib Grech (jew is-suċċessuri tiegħu) iwieġeb għal nofs (i.e. in-nofs tan-nofs ta' l-intier) u l-konvenuti taħt id-ditta Clinipath Services iwieġbu għan-nofs l-ieħor. Tordna li jitkompla s-smigħ tal-kawża għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tad-danni. Provvediment dwar l-ispejjeż jingħata fis-sentenza finali."*

Dan ifisser li -

1. Fis-sentenza tas-27 ta' Gunju 2008 il-Qorti diga' ddecidiet li t-tobba konvenuti għamlu dijanjosi ħazina tal-kundizzjoni tal-attur u li minħabba fiha ġarrab ħsara għax it-tneħħija tat-tirojde ma kinitx meħtieġa biex tiddewwa l-marda li tassew kellu l-attur, ukoll li din tneħħiet għax ir-rapport maħruġ mill-konvenuti wassal lill-kirurgu għall-konklużjoni ħażina li kienet meħtieġa t-tneħħija tal-glandola sħiħa. Instab ukoll li kien hemm nuqqas da parti tal-konvenuti fis-servizz professjonali li taw lill-attur għax ma kellhomx tagħrif speċjalizzat biżżejjed biex joffru s-servizzi li taw lill-konvenut. Minħabba n-

nuqqas tagħhom il-konvenuti ġew dikjarati responsabbli għall-ħsara li ġarrab l-attur.

**2. Isegwi li f'dan l-istadju l-kwistjoni tar-responsabilta' tal-konvenuti hija deċiza u magħluqa darba ghal dejjem f'dan l-istadju u kull attentat mod ieħor da parti tal-konvenuti ma serva xejn ħlief biex jinħela ż-żmien;**

3. Fis-sentenza msemmija l-Qorti diga' qieset il-provi kollha mressqa sa dakinhar inkluz għalhekk dawk marbuta mal-kundizzjoni medika li kellu l-attur tal-*Hashimoto Thyroditis* u fatturi ohra relatati li fil-fehma tagħha kienu jimmitigaw il-ħtija tal-konvenuti tant li sahansitra **naqqset ir-responsabbilta' tal-konvenuti għal fini ta' danni bin-nofs**;

4. **Għalhekk l-Qorti tagħmilha ċara li hi mhux ser terga' tiftaħ għal kunsiderazzjoni ebda argument jew sottomissjoni mressqa mill-konvenuti li jimpingu fuq il-mertu ġia deċiz.**

Ferm il-premess il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkonsidra l-pretensjonijiet attriċi dwar id-danni.

In vista tad-diversi argumenti sottomessi mill-konvenuti l-Qorti jidhrilha li qabel ma tgħaddi għall-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-likwidazzjoni tad-danni għandha tissottolinea s-segwenti:

**Dwar il-ħatra u r-relazzjoni peritali tal-psikjatra Dr Joseph Cassar**

Il-konvenuti jressqu l-kritika tagħhom fuq dawn l-aspetti. Hija l-fehma ferma tal-Qorti li dawn huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt. Jigi rilevat li –

a. Minkejja kull oppozizzjoni li għamlu l-konvenuti għall-hatra tal-perit mediku l-Qorti tirritjeni li tali ħatra saret fuq Ordni tagħha a tenur tal-artikolu 644 tal-Kap 12 u diġa' ddikjarat li tali nomina hija meħtiega sabiex tiddeċiedi dwar l-ilmenti tal-attur. Jingħad pero' li l-ilment tal-konvenuti li la huma u lanqas l-avukati tagħhom ma tħallew ikunu prezenti għall-ezami huwa nfondat anke għax huma ngħataw l-opportunita' li jinnominaw psikjatra tal-fiduċja tagħhom sabiex ikun prezenti għan-nom tagħhom, opportunita' li huma baqghu ma utilizzawx. Mela inutli jilmentaw issa. Inoltre huma kellhom iċ-ċans, kif fil-fatt għamlu, li jagħmlu d-domandi kollha li dehrilhom xierqa lill-istess perit in eskussjoni. Ċertament għalhekk huwa żgur li ma ġie soffert ebda pregudizzju mill-konvenuti f'dan ir-rigward.

b. Dwar il-kritika li l-perit mediku sema' lill-attur waħdu u ma tahx ġurament, il-Qorti tissenjala li fid-digriet tal-ħatra tat-28 ta' Mejju 2013 hija kienet indikat li s-smiegħ bil-ġurament kien wieħed għal kollox diskrezzjonarju għal perit psikjatriku u dan biss jekk hu iħoss il-ħtiega u għalhekk l-għoti tal-ġurament lill-attur ma kienx tassattiv u obbligatorju.

c. Għalkemm ma saritx traskrizzjoni tal-ezami li sar lill-attur, il-perit psikjatriku esebixxa in atti n-noti meħuda minnu waqt l-ezami li hu kien għamel lill-attur u minn ezami tan-noti esibiti[23] jidher ċar li dak li qallu l-attur huwa għal kollox konsistenti ma' dak li kien xehed aktar minn darba l-attur stess kemm in ezami kif ukoll in kontro-ezami.

[23] Fol 562 et seq

d. L-iskop tal-perizja ma kienx sabiex jirrelata dwar il-kundizzjoni tal-marda *Hashimoto Thyroditis per se*, tant li t-talba għal ħatra ta' endokrinologu mill-konvenuti giet miċħuda; izda l-perizja kienet intiza sabiex testabilixxi l-istat mentali tal-attur. Infatti irrizulta lill-espert li l-attur qed isofri minn *post-traumatic stress disorder* u *chronic anxiety disorder* li ma għandhom ebda konnessjoni mal-marda *Hashimoto Thyroditis*[24].

**Dwar il-bzonn tal-medicina *thyroxine***

Il-konvenuti jissottomettu li fil-kalkolu tal-*quantum tad-danni* il-Qorti m'ghandhiex tieħu in konsiderazzjoni l-ispejjez tal-mediċina msemmija għax fil-fehma tagħhom dawn xorta kien se jkollu jeħodhom minħabbas il-marda tal-*Hashimoto*.

**Il-Qorti assolutament ma taqbilx.**

Kif diġa' ngħad fis-sentenza *in parte* ġia' tnaqqset ir-responsabbilta' tal-konvenuti bin-nofs. Infatti, r-raġuni għala dik il-Qorti hekk approporzjonat ir-responsabilta' tinsab minn dik il-konsiderazzjoni li għamlet l-istess Qorti dwar il-kundizzjoni li minnha kien afflit l-istess attur *a prescindere* ta' dak li ġara bid-djanjosi żbaljata. Il-Qorti nfatti qalet li bil-kondizzjoni li tassew kellu l-attur, it-tirojde xorta ma kinitx taħdem kif suppost u x'aktarx illi xi wħud mill-konsegwenzi li kellu xorta kien ikollu bzonn il-*hormone replacement treatment* li qiegħed jieħu minħabba t-tneħħija tal-glandola. Dwar dan kienet ċara u is-sentenza *in parte* ma tħalli ebda interpretazzjoni oħra għajr dan igħidu x'igħidu l-konvenuti

.

[24] Ara diversi digrieti fol 517A, 517E u 520 per eżempju.

Din il-konsiderazzjoni li saret fil-fehma ta' din il-Qorti xxejjen għal kollox it-tezi tal-konvenuti dwar il-linja li ħadu biex hi tikkunsidra ukoll il-fatt li fil-kalkolu ta' l-ispejjez inkorsi mill-attur għal kura tiegħu issa kif inhu l-istat tiegħu wara l-intervent, senjatament fil-konfront tal-mediċina *thyroxin*, dawn l-istess spejjez ma jittieħdux in konsiderazzjoni minhabba l-fatt li hu xorta kien se jiġi bzonnhom minnħabba *Hashimoto disease*. Fuq dan il-fatt ta' l-ahhar ċertament għandhom raġun kif dikjarat mill-istess espert mediku[25]. Ifalli pero' l-argument tagħhom in kwantu li kien preċisament dan il-fattur li ġiegħel lil din il-Qorti diversament preseduta li tapproporzjona ir-responsabilta' kif riferut. Dan huwa ċar u ovvju mill-qari ta' l-istess sentenza u oltre dan din il-Qorti ftit isib aktar xi tgħid.

Isegwi għalhekk li ma hemm ebda lok li l-attur ma jihux kumpens fuq il-pilloli tal-*hormone replacement therapy*.

Ferm il-premess il-Qorti sejra tgħaddi għall-likwidazzjoni tad-danni dovuti lill-attur.

**LIKWIDAZZJONI TAD-DANNI**

Jiġi nnutat *in primis* li skont il-konvenuti il-prospett tad-danni prezentat mill-attur huwa oġġgezzjonabbli peress li dan ma ġiex maħluf bil-ġurament. Izda l-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li l-prospett *per se* mhuwhiex ġuramentat, sussegwentement l-attur prezenta affidavit ġuramentat li fih ta rendikont aktar dettaljat tal-pretensjonijiet tiegħu dwar id-danni. Anzi l-attur xehed li ċ-ċifra ta' danni kif kalkulata fl-affidavit ta' €97,252 - u li hija aktar għolja minn dik

[25] Fol 291 xhieda Dr.James Deagaetano

indikata minnu fil-prospett tad-danni – għandha skontu tkun is-somma li tiġi kkunsidrata mill-Qorti għal fini tal-likwidazzjoni peress li din tirrifletti l-kalkoli korretti wara li ħa pariri dwar il-kalkolu tal-paga b'mod partikolari.

Tenut il-premess, il-Qorti sejra tgħaddi għall-likwidazzjoni tad-*damnum emergens* u *lucrum cessans* li għandhom jitħallsu lill-attur.

**L-artikolu 1045 tal-Kodici Civili** jipprovdi hekk -

*"1045. (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib:*

*Iżda fil-każ ta' danni li huma kkawżati minn reat kriminali, id-dannu li jrid jiġi reparat għandu jinkludi wkoll dannu morali u, jew psikoloġiku kkawżat lill-parti li tbati l-ħsara:*

*Iżda wkoll li, mingħajr preġudizzju għal xi dispożizzjoni oħra f'dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra, meta danni kkawżati minn reat kriminali jiġu kommessi kontra minuri, il-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha dik il-vittma tilħaq l-età maġġuri.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità kkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.*

Fis-sistema taghna, id-danni likwidati jkopru kemm dawk attwali (*damnum emergens*) u kemm dawk li jolqtu telf ta' qliegh futur (*lucrum cessans*).

Fil-kaz **Joseph Zammit vs Joseph Bonello deciz fil-25 ta' Frar 2016**[26] din il-Qorti diversament preseduta ġabret rassenja tal-prinċipji generali applikabbli f'din il-materja kif rassodati fil-gurisprudenza nostrali matul is-snin:

*"Illi tali regoli gew supplementati u interpretati bil-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"** – A.C. dec. fit-22 ta' Dicembru 1967, li tat l-origini ghal hekk imsejha multiplier system, li pero` giet aggustata ghaz-zminijiet aktar recenti peress li, kif intqal fil-kawza **"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"** – A.C. dec. fis-16 ta' Novembru 1983, "ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu." Ghalhekk, il-Qrati taghna rritenew li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f' Butler vs Heard. Hekk gie ritenut li ghandhom juzaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi – **"Savona vs Asphar"** App. Deciz fit-23 ta' Gunju 1952; u li "ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut." ("**Emanuel Mizzi vs Carmel Attard**":- 13.5.2003); u li "dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilta`. Inoltre` d-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`." – **"Francis Sultana vs John Micallef et noe et"** – Appell deciz fl-20 ta' Lulju*

[26] Rik Gur 836/01LSO

*1994.*

*Madankollu, fil-kaz* ***"Paul Debono vs Malta Drydocks****" P.A. deciza fis-27 ta' April 2015, intqal:*

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l nkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti dannegjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja."*

***Multiplier***

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qligh li jinghata d-dannegjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati Taghna f'dawn l-ahhar zminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bhala:*

*"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases."* ***(Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).***

*Ghalhekk gie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta' 'chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'.*

*Fil-kaz "***Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace***" Appell deciz fil-5 ta' Marzu 1986) gie ribadit li:*

*"In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-dannegjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes of life'."*

*Il-multiplier gie definit kif gej:*

*"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (***The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228***).*

*Gie stabbilit li l-mulitplier ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawza fl-ismijiet* ***Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri****) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.*

*Minbarra dan il-bixra ta' hsieb wara sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qeghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu ifixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta'*

*jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-incident*[27]. *Illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji*[28].

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wiehed jaghmel referenza wkoll ghal dak li hu mghallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jinghad li:*

*"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death….." (**Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).***

***Tnaqqis minhabba lump sum payment***

*Illi dwar il-lump sum jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**." (P.A. (JSP) deciza fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:*

*"Fir-rigward ghal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal 'lump sum payment' jekk*

---

27 *"**Borg pro et noe vs Muscat**" P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 1973.*

28 *Ara "**Mary Bugeja noe et vs George Agius noe**" – App. Deciza fis-26 ta' Lulju 1991; "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P.A. 16 ta' April 1991); "**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon"** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.*

*ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data."*

*Aktar recentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz **"Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri"** deciza fis-27 ta' Frar 2004, irrabadiet li –*

*"Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv."*

*Skont kriterju li gie elucidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **"Jos Agius vs All Services Ltd."** (P.A. TM 1809/01 deciza fit-2 ta' Gunju '05) "f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza."*

*Izda, gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawza, dan ghaliex "jekk id-dannegjat ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". (Ara "**Agius vs Fenech**" P.A. deciza fid-29 ta' Ottubru 2003, "**Sylvester Tabone vs Carmen Abela"** P.A. deciza fil-25 ta' Novembru 2013 u **"Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd**." P.A. deciza fit-12 ta' Novembru 2012)."*

B'applikazzjoni tal-principji suesposti ghall-kaz odjern:

**DAMNUM EMERGENS**

Id-**danni attwali** mitluba mill-attur huma hlasijiet li saru lill-

- Kirurgu Mr Joseph Attard – **€116.50**
- Anestetista Dr Joseph Psaila - **€65.24**
- Uzu tal-*operating theatre* - **€74.56**
- Dr Angele Farrugia - **€467.58**
- Dr Albert Soler - **€97.07**
- Dr Joseph Pace - **€46.60**
- Psikjatra Dr Anton Mangion - **€11.65**
- Dr John Lynn u Dr Lewis - **€233**

Dawn il-figuri huma koperti bid-debiti riċevuti u għalhekk gustifikati.

L-attur għamel **claim** ukoll fuq pilloli *thyroxine* għas-somma ta' **€1599** li tkopri s-snin minn Ottubru 1989 sa April 2016 meta l-attur għalaq 77 sena. Dan l-ammont huwa wkoll wieħed gustifikat.

Għalhekk **it-total tad-danni attwali tal-attur huma ta' elfejn seba' mija u hdax -il Ewro (€2711.20).**

**LUCRUM ĊESSANS**

a. Dwar il **persentagg ta' dizabilita'** l-Qorti tibda billi tqis li l-perit psikjatra Dr Joe Cassar wasal għall-figura ta' **12%** bħala dizabilita' fir-rapport tiegħu. Minn naħa l-oħra l-espert patologiku Dr James DeGaetano ndika ċifra massima ta' **5%** bħala dizabilita' permanenti. Ċifra li baqgħet mhux sfidata.

Naturalment f'tali ċirkustanzi l-Qorti tieħu l-*weighted average* bħala l-persentagg holistiku ta' dizabilita'.

Ingħad hekk fil-kaz **Iris Cassar et vs Francis Gauci deciz mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Novembru 2012**[29] -

*"It-tielet aggravju huwa fis-sens li d-decizjoni ma kellhiex tiehu z-zewg percentaggi ta' dizabbilita`, dak ortopediku ta' 12% u dak ta' psikjatriku ta' 10% u jigu maghduda flimkien izda kellu jigi adoperat l-ezercizzju ta' weighted average li bih il-Qorti tasal ghall-percentagg li jirrifletti effettivament ir-rata ta' dizabbilita` totali.*

[29] Cit 1249/92

*Illi f'dan il-kaz l-appellant ghandu ragun ghaliex meta tigi komputata d-dizabbilita` totali din trid tigi konsiderata in relazzjoni mal-persuna fizika shiha minghajr ebda prezunzjoni a priori li l-multiplicita` ta' dannu tigi komputata komplessivament. F'kazijiet simili ghandu jittiehed bilanc ibbazat fuq ir-rizultanzi tar-rapporti medici biex tasal sabiex din tkun tista' tirrifletti s-sitwazzjoni reali. Dan ghaliex dak li jrid jigi stabilit mhuwiex il-grad ta' inkapacita` f'sens purament mediku, izda l-effetti li l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tad-danneggjat.*

*M'hemmx dubju li dizabbilita` tista' tkun fizika u wkoll psikika izda l-metodu li ghandu jigi adoperat ghandu jkun dak uzat fid-decizjoni "**Gaspare Xeureb v. Sammy Meilaq et nomine**" (A.C. – 4 ta' Dicembru 1998) u fil-fatt dan il-metodu gie segwit fis-sentenzi "**L-Avukat Dr. Louis Cassar Pullicino nomine v. Angelo Xuereb nomine et**" (A.C. – 20 ta' Frar 2009)."*

Fid-dawl tal-prinċipji gurisprudenzjali ċitati l-Qorti tqis li l-persentagg li għandu jirrifletti d-dizabilita' totali tal-attur huwa ta' **erbatax fil-mija (14%)**.

b. Dwar **il-multiplier**, jirrizulta mill-provi li l-attur kien kostrett jieqaf mix-xogħol meta kellu 52 sena. Mhuwhiex il-kaz, kif jippretendu l-konvenuti, li l-Qorti għandu tieħu konjizzjoni tal-fatt li skont huma l-attur *"seta' u kien jiflah"* jaħdem. Il-Bord mediku stess kien wasal għal deċizjoni li l-attur ma kienx f'qagħda li jaħdem. Il-Qorti tqis li l-*multiplier* għandu jkun ta' **12 -il sena** tenut kont ukoll għall-fatturi tal-*working life expectancy* u ta`c-*chances* u c-*changes of life*.

c. Għal dak li huwa **salarju**, id-dħul gross tal-attur skont l-*income tax returns* kien hekk –

1988 – Lm3597 (€8378)

1989 – Lm3418 (€7961)

1990 - Lm 4035 (€9399)

1991 – Lm566 (€8208)

Id-dħul medju għal dawn is-snin kien ta' ċirca €8486. Il-Qorti tieħu kont tal-fatt li għalkemm fil-frattemp l-attur qiegħed jipperċepixxi pensjoni, din hija somma ferm inqas milli kieku baqa' jirċievi l-paga.

Il-Qorti hawn se tikkosidra ukoll fejn seta' spiċċa l-attur mhux in kwantu għal dak minnu pretiz bħala *allowances, overtime* u għassa mal-Magistrat Inkwerenti kif minnu elenkat, imma għal paga li seta' wasal għalija biex b'hekk tkun verament qed tagħmel gustizzja miegħu għat-telf futur soffert tenut kont pero li xejn mhu ċert fid-dinja u dana dejjem fid-dawl tal-ġurisprdenza elenkata. Rat f'dan ir-rigward dak minnu esebit fil-kalkoli tieghu ta' avanzi fil-karriera u biex tagħmel tajjeb kemm għal għoli tal-ħajja ukoll għal avvanzi li seta għamel qegħda żżid is-somma għal ammont annwali ta' €10,000.[30]

**B'hekk il-qliegħ annwali ser jigi kalkulat fuq €10,000.**

[30] Ħadet ukoll konjizzjoni tax-xhieda ta' Mario Brinact a fol 377.

Il-Qorti tħoss li għandha tissottilinea anke minħabba l-aspettativi ferm esegerati ta' l-attur, li ovjament għamel il-kalkoli tiegħu ad insaputa u inkonsapevoli tar-regoli gurisprudenzjali governanti, li mhijiex ser tieħu in konsiderazzjoni ta' *allowance*s oħra li l-attur kien ipperċepixxa fir-rigward ta' sahra, traskrizzjonijiet eċċ peress li l-attur ma kellux dritt awtomatiku għalihom għax dawn jingħataw skont il-bżonn. Il-fatt waħdu li fil-passat l-attur kellu dħul regolari minn dawn l-attivitajiet ma hu ebda garanzija li fil-futur is-sitwazzjoni kienet ser tibqa' l-istess.

d. Għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis minħabba li l-ħlas ser isir f'daqqa (***lump sum payment***), il-Qorti fl-ewwel lok tinnota li l-kawza ilha għaddejja mill-1991 u cioe' 27 sena. Il-Qorti ma ssibx li hemm nuqqasijiet partikolari attribwibbli lill-attur għal dan id-dewmien[31]. Ma jidhriliex fic-cirkustanzi li għandu jkun hemm tnaqqis tal-*lump sum.*

Għalhekk l-ammont dovut lill-attur bħala ***lucrum cessans*** sejjer jigi kalkulat kif gej:

€10,000 x 14% x 12 = €16,800

**Total ta' *damnum emergens* u *lucrum cessans*: €2711.20 + €16,800 = €19,511.20 (dsatax -il elf ħames mija u ħdax il Ewro u ghoxrin centezmu).**

**<u>Minn din is-somma, nofs hija dovuta lill-attur u dan minħabba dak konkluss minn din il-Qorti kif diversament preseduta fis-sentenza *in parte* għalhekk huwa għandu jitħallas is-somma ta' €9,755.60</u>**

[31] Għalkemm anke da parti tiegħu kien hemm tul konsiderevoli sabiex ikkonkluda l-provi.

Għar-ragunijiet suesposti it-tieni u t-tielet talba tal-attur sejrin jintlaqgħu skont kif appena deċiz u l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ser jigu respinti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:**

**1. Tilqa' t-tieni u t-tielet talba tal-attur u tillikwida s-somma ta' disa t'elef seba'mija u ħamsa u ħamsin Ewro u sittin centezmi (€9,755.60) liema somma għandha titħallas mill-konvenuti solidament bejniethom.**

**2. Tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.**

**3. Minhabba n-natura partikolari tal-kaz, is-sinistru soffert mill-attur u l-mod kif dan affettwalu ħajtu u t-telf materjali, soċjali u oltre li ġarrab, anke it-tul li ħadet din il-kawza, l-ispejjeż kollha għandhom ikunu a karigu tal-konvenuti bejniethom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**